*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**AĠENDA NUMRU 2– 10 ta’ Lulju 2019**

***Minuti tat-tieni laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar l-10 ta’ Lulju, 2019 fis-7:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-7:00pm ta’ filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 1. Il-laqgħa bdiet fil-7:25pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |

| | |
|---|---|
| **Assenti b’Apoloġija:** | **Ħadd** |
| **Assenti :** | **Ħadd** |

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

| | | |
|---|---|---|
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Ufficċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

**2.1 Diskussjoni dwar PA1292/19 fi Triq l-Imdina**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea spjega li din il-laqgħa ssejħet b'urgenza minħabba li d-data tal-għeluq tar-rappreżentazzjonijiet għal PA1292/19 kienet għall-Ġimgħa 12 ta' Lulju 2019. Huwa spjega li dwar l-istess żvilupp kien hemm applikazzjoni oħra li għaliha kienet diġa saret oġġezzjoni mill-Kunsill preċedenti.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi spjega li l-applikazzjoni l-ġdida għandha parkeġġ ta' madwar 250 karzza. L-istess applikazzjoni tinvolvi t-twaqqiegħ tal-proprjeta eżistenti. Il-proġett ser ikun fih sular 'il fuq mill-art li ser jospita stabbiliment kummerċjali filwaqt li jkun hemm sular ieħor taħt l-art, liema talba għall-permess tiegħu hija għall-'mixed use'. B'kollox dan il-proġett qed jintalab li jsir fuq medda t'art li fiha madwar tmien tomniet. Il-Kunsillier Zammit Lupi qal li dan il-proġett qed jiġi propost li jsir f'żona sensittiva u għalhekk il-Kunsill għandu joġġezzjona għal dan il-proġett.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal dan il-proġett minħabba li z-zona hija ODŻ pero tenna li f'każ li l-oġġezzjoni tal-Kunsill ma tintlaqax, il-Kunsill għandu jitlob li jiġu mplimentati dawn il-punti:

1. Għandu jsir studju dwar it-traffiku li ser joħloq proġett bħal dan. Proġett bħal dan ser jiġbed nies mir-Rabat, Mġarr, Attard, Siġġiewi u minn bnadi oħra.
2. Il-faċilitajiet tal-parkeġġ għandhom jintużaw mill-pubbliku meta jkun hawn attivitajiet tal-massa ġewwa Ħaż-Żebbuġ, bħal Ġimgħa l-Kbira, il-Festi u attivitajiet oħra tal-Kunsill.
3. Il-parkeġġ għandu jitħalla jintuża mill-pubbliku fil-ħinijiet kollha bla ħlas.
4. Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ għandu jingħata Eur50,000 fuq medda ta' ħames snin, liema flus għandhom jintużaw sabiex jitħawlu aktar siġar fil-konfini ta' Ħaż-Żebbuġ.
5. L-istess parkeġġ għandu jkollu spazju rriservat għar-roti u għall-muturi.
6. Is-*service road* għandha tkun aċċessibli għat-trasport pubbliku.
7. Dawk kollha li ma jkunux qed jużaw mezzi tat-trasport sabiex jaslu f'dan l-istabbiliment, iżda jkunu qegħdin jaslu bil-pass, għandu jkollhom il-faċilita li jaqsmu t-triq b'mod sikur.
8. Fiz-zona ħadra fejn hu propost li jitħawlu ħafna siġar għandu jiġi nstallat *playground equipment* li jkun fir-responsabilita' tas-sidien tal-istabbiliment.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

9. Is-siġar li ser jitħawlu f'dan is-sit għandhom jissaqqew mill-anqas għall-ewwel sentejn.
10. Minħabba li l-parkeġġ huwa magħmul mill-asfalt, li ma jgħaddiex ilma minnu, għandu jkun jkun hemm strutturi għall-qbid tal-ilma, sabiex l-istess ilma ma jispiċċax fit-toroq iżda jinħażen.
11. Il-bir/ġibja li hemm inkluż fil-proġett għandu jkun fi proporżjon mal-art li ser tintuża għal dan il-proġett.
12. Wied is-Sewda għandu jibqa aċċessibli għal kulħadd.
13. Fi Triq Ħ'Attard għandhom jitwaħħlu bollards sabiex karozzi li jkunu neżlin lejn Ħ'Attard ma jkunux jistgħu jilwu lejn l-istabbiliment. Dan sabiex ma jingħatax lok għall-inċidenti tat-traffiku.

Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv ġiet inkarigata sabiex twassal din l-oġġezzjoni kif ukoll dawn il-punti qabel ma jingħalaq iż-żmien għar-rappreżentazzjonijiet.

## 2.2 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa ġiet aġġornata għas-17 ta'Lulju 2019 fis- 6:00pm. Din il-laqgħa spiċċat fit-8:40pm.

**Dr. Malcolm P. Galea**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*

*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

,

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*